IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2014
COM(2014) 570 final

2010/0208 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/18/KE fejn tidħol il-possibbiltà li l-Istati Membri jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' OĠM fit-territorju tagħhom

2010/0208 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/18/KE fejn tidħol il-possibbiltà li l-Istati Membri jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' OĠM fit-territorju tagħhom

1. IL-KUNTEST

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument 2010/0208 COD):	l-14 ta' Lulju 2010
Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	id-9 ta' Diċembru 2010
Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	il-5 ta’ Lulju 2011
Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta emendata:	[*]
Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	it-23 ta' Lulju 2014

* Il-Kummissjoni ma ħejjietx proposta emendata iżda tat il-fehmiet tagħha dwar l-emendi tal-Parlament fil-"*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-azzjoni li ttieħdet dwar l-opinjonijiet u r-riżoluzzjonijiet adottati mill-Parlament fis-sessjoni parzjali ta' Lulju 2011*" (id-dokument SP(2011) 8072) li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fit-8 ta' Settembru 2011.

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-Unjoni Ewropea (UE) adottat qafas legali komprensiv għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti li jikkonsistu jew ġejjin minn Organiżmi Ġenetikament Modifikati (OĠM). Il-proċedura tal-awtorizzazzjoni tkopri l-użu tal-OĠM għal skopijiet ta' ikel u għalf, ipproċessar industrijali u kultivazzjoni, u l-prodotti derivati minnhom għall-użu fl-ikel u fl-għalf.

Is-sistema tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea hi maħsuba biex tevita effetti ħżiena ta' OĠM fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u fuq l-ambjent filwaqt li tistabbilixxi suq intern għal dawn il-prodotti. Id-Direttiva 2001/18/KE dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament[1] u r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament[2], huma żewġ biċċiet leġiżlattivi li jipprovdu għall-awtorizzazzjoni qabel il-kummerċjalizzazzjoni ta' OĠM. It-tnejn li huma jistabbilixxu standards ibbażati fuq ix-xjenza għall-

[1] ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.
[2] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

valutazzjoni tar-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali u għall-ambjent kif ukoll ir-rekwiżiti tat-tikkettar. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003[3] jistipula regoli dwar it-traċċabbiltà u t-tikkettar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċabbiltà ta' ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament.

F'Marzu 2009, il-Kunsill ma laqax il-proposti tal-Kummissjoni biex l-Awstrija u l-Ungerija jħassru l-miżuri ta' salvagwardja nazzjonali tagħhom, peress li skont l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) dawn ma kellhomx l-appoġġ xjentifiku meħtieġ bil-leġiżlazzjoni tal-UE. Minħabba f'hekk, 13-il Stat Membru[4] talbu lill-Kummissjoni biex tħejji proposti biex l-Istati Membri jitħallew liberi jiddeċiedu dwar il-kultivazzjoni tal-OĠM[5].

F'Settembru 2009, il-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni l-ġdida li stabbilixxa l-President Barroso għamlu referenza għall-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-parti tal-OĠM bħala eżempju fejn il-bilanċ bejn qafas tal-UE u l-ħtieġa li titqies id-diversità fl-UE ta' 27 Stat Membru jaf ma jkunx dejjem tajjeb. Skont dawn il-linji gwida, tista' titħaddem sistema tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-OĠM, imsejsa fuq it-tagħrif xjentifiku, u fl-istess waqt l-Istati Membri jistgħu jitħallew liberi jiddeċiedu jekk fit-territorju tagħhom jixtiqux jikkultivaw għelejjel modifikati ġenetikament jew le.

Ir-Regolament propost jirrifletti dawn il-linji gwida politiċi billi jipprovdi bażi legali fil-qafas legali tal-UE dwar l-OĠM għall-Istati Membri biex fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu jkunu jistgħu jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OĠM li jkunu ġew awtorizzati fil-livell tal-UE. Dawk il-limitazzjonijiet jew il-projbizzjonijiet għandu jkollhom raġunijiet li mhumiex dawk imsemmija fil-valutazzjoni tar-riskju fuq l-ambjent u s-saħħa li tkun għamlet is-sistema tal-awtorizzazzjoni tal-UE.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

3.1. Kummenti ġenerali

Fl-14 ta' Lulju 2010 il-proposta tal-Kummissjoni ngħaddiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-5 ta' Lulju 2011 u appoġġa l-għanijiet ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni, soġġetta għal 28 emenda.

Il-Kummissjoni ma ħarġet l-ebda proposta mibdula. Fil-"*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-azzjoni li ttieħdet dwar l-opinjonijiet u r-riżoluzzjonijiet adottati mill-Parlament fis-sessjoni parzjali ta' Ġunju 2011*" (id-dokument SP (2011)8072) li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fit-8 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni wriet li setgħet taċċetta għalkollox, parzjalment, fil-prinċipju jew b'inklużjoni ta' 21 mit-28 emenda, għax kien jidhrilha li dawn l-emendi jiċċaraw jew itejbu l-proposta tal-Kummissjoni u kienu konsistenti mal-għanijiet ġenerali tagħha.

Qabel u wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, saru diskussjonijiet fil-Kunsill bil-ħsieb li tinstab pożizzjoni komuni. Dawn id-diskussjonijiet intemmu bl-adozzjoni b'maġġoranza kwalifikata ta' ftehim politiku

[3] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.

[4] AT, BG, IE, EL, CY, LV, LT, HU, LU, MT, NL, PL u SI.

[5] Id-diskussjonijiet rispettivi saru fil-laqgħat tal-Kunsill tat-2 ta' Marzu, tat-23 ta' Marzu u tal-25 ta' Ġunju 2009.

waqt il-Kunsill tal-Ambjent tat-12 ta' Ġunju 2014, li ssarraf f'pożizzjoni komuni tal-Kunsill waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014.

Il-Kummissjoni jidhrilha li l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tixhed l-għanijiet oriġinali tal-proposta tal-Kummissjoni. Minkejja li fuq ċertu elementi l-pożizzjoni komuni hi differenti mill-proposta tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni hi sodisfatta li l-proposta mtejba tkopri l-kwistjonijiet kollha li tqis essenzjali meta tadotta l-proposta tagħha.

3.2. Emendi tal-Parlament Ewropew li l-Kummissjoni aċċettat u li ddaħħlu għalkollox, parzjalment jew fil-prinċipju fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari

- ***Premessi***

  Il-Kummissjoni taċċetta **Emenda 2**, li tispjega ***aspetti partikolari tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali armonizzata tal-UE*** li hemm bżonn skont id-Direttiva 2001/18/KE. Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tilqa' parzjalment din l-emenda fil-**Premessa (2)** emendata għax tagħmel referenza ġenerali għall-Anness II tad-Direttiva 2001/18/KE.

  Il-Kummissjoni taċċetta Emenda 11, li tirreferi għall-***importanza li jkun evitat li l-miżuri nazzjonali li jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OĠM iżommu lura milli ssir riċerka bijoteknoloġika***. Din l-emenda ddaħħlet għalkollox fil-Premessa (15) il-ġdida tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill.

  Il-Kummissjoni taċċetta **Emenda 44**, li tinkludi ***sejħa għall-adozzjoni ta' linji gwida aġġornati dwar il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali***, bħala segwitu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ambjent tal-4 ta' Diċembru 2008. Skontha dawn il-linji gwida ma għandhomx jistrieħu biss fuq il-prinċipju tal-ekwivalenza sostanzjali jew fuq il-kunċett ta' valutazzjoni komparattiva tas-sikurezza. Din il-parti tal-emenda tista' tiġi aċċettata jekk tinkiteb mill-ġdid sabiex tiċċara li l-Anness II tad-Direttiva 2001/18/KE jibqa' r-referenza legali għall-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, li jgħid: "*Tqabbil tal-karatteristiċi tal-OĠM ma' dawk tal-organiżmu mhux modifikat skont kundizzjonijiet korrispondenti tar-rilaxx jew l-użu, jgħinu fl-identifikazzjoni ta' effetti potenzjalment ħżiena li jiġu mill-modifika ġenetika*". Fil-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, jixraq li jintużaw l-għarfien u l-esperjenza preċedenti u li jitħaddem komparatur xieraq ħalli joħorġu fid-dieher id-differenzi assoċjati mal-pjanti modifikati ġenetikament fl-ambjent riċevitur. Barra minn hekk, il-gwida għall-valutazzjoni tar-riskju li nħolqot fl-2012 bil-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza timxi b'approċċ konsistenti ma' dak tal-EFSA jiġifieri pass pass u każ każ, tuża analiżi komparattiva u tkopri l-istess seba' oqsma tar-riskju. Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tilqa' parzjalment din it-taqsima tal-Emenda 44 fl-**Artikolu 2** il-ġdid tad-Direttiva li temenda, li teżiġi lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-progress għall-għoti ta' status normattiv lill-Gwida msaħħa tal-EFSA tal-2010 dwar il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali ta' pjanti ġenetikament modifikati.

- ***L-għeluq ta' lista indikattiva bir-raġunijiet li jiġġustifikaw miżuri ta' esklużjoni***

  Il-valutazzjoni tar-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent tar-rilaxx intenzjonat ta' OĠM hi armonizzata għalkollox permezz tal-Anness II tad-Direttiva 2001/18/KE. L-ambitu tal-valutazzjoni tal-OĠM għall-kultivazzjoni jkopri l-oqsma possibbli ta' riskji ambjentali fit-

territorju kollu tal-UE, anki fil-livell reġjonali u lokali. Ngħidu aħna, dan iqis il-valutazzjoni tal-invażività jew il-persistenza ta' xi modifika ġenetika, il-possibbiltà ta' tgħammir inkroċjat ma' pjanti kkultivati domestikament jew selvaġġi, il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-inċertezza xjentifika persistenti. OĠM jista' jiġi awtorizzat biss jekk il-valutazzjoni tar-riskju tikkonkludi li b'mod partikolari wara li jiġu eżaminati l-elementi li ssemmew hawn fuq, l-OĠM hu sikur għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent.

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprovdi li l-miżuri tal-Istati Membri li jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OĠM abbażi ta' dik il-proposta (l-hekk imsejħa "miżuri ta' esklużjoni"), għandhom jistrieħu fuq raġunijiet li mhumiex dawk imsemmija fil-valutazzjoni tar-riskju tal-effetti ħżiena għas-saħħa u għall-ambjent li jistgħu jiġu kkawżati mir-rilaxx intenzjonat jew mit-tqegħid fis-suq ta' OĠM. Għalhekk il-Kummissjoni tista' taċċetta **Emendi 5, 8, 10, 41 u 47**, iżda dawn iridu jinkitbu mill-ġdid biex jiċċaraw li r-raġunijiet invokati mill-Istati Membri biex jiġġustifikaw il-miżuri ta' esklużjoni mhumiex kunfliġġenti mal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tal-UE kollha. Fil-**Premessi (10) u (11)** emendati, u fl-**Artikolu 26b(3)** il-ġdid tad-Direttiva emendata, il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tagħti definizzjoni differenti tar-raġunijiet relatati mal-ambjent li tiżgura li fil-livell ta' Stati Membri, ma jkunx hemm interferenza mal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE kollha: *"objettivi dwar il-politika ambjentali differenti mill-elementi vvalutati skont id-Direttiva 2001/18/KE u r-Regolament (KE) Nru 1829/2003"*. Il-Kummissjoni tqis li t-test li qed jipproponi l-Kunsill jaqbel mal-għan tal-proposta. Inkella, il-Kummissjoni tista' taċċetta r-raġunijiet li ma għandhomx x'jaqsmu ma' dimensjonijiet ambjentali li jipproponu l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill, għax dawn huma ġeneralment simili fis-sustanza.

- ***Modifiki oħra tal-Artikolu 26b il-ġdid propost tad-Direttiva emendata***

  Il-Kummissjoni taqbel mal-Parlament Ewropew dwar l-importanza li l-operaturi (u anki l-kultivaturi) ikollhom aċċess f'waqtu għall-***informazzjoni meħtieġa dwar xi limitazzjoni jew projbizzjoni*** tal-kultivazzjoni tal-OĠM fit-territorju ta' Stat Membru, u li jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw u jtemmu l-istaġun tal-kultivazzjoni attwali meta l-miżuri jkunu jikkonċernaw OĠM li diġà jkunu awtorizzati fil-livell tal-Unjoni (**Emendi 7, 17, u 43**). Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tilqa' d-dispożizzjonijiet ta' dawn l-emendi fil-**Premessa (21)** il-ġdida, u l-**Artikoli 26b(4), 26b(5), 26c(3) u 26c(5)** il-ġodda tad-Direttiva emendata (ħlief l-obbligi tal-informazzjoni għall-kultivaturi).

  Il-Kummissjoni taċċetta r-referenza partikolari għall-importanza tal-miżuri nazzjonali li tkun konformi mal-***prinċipju tal-proporzjonalità*** (**Emenda 20**). Il-Kunsill jilqa' għalkollox din l-emenda fil-**Premessa (13)** il-ġdida u fl-**Artikolu 26b(3)** il-ġdid tad-Direttiva emendata.

- ***Modifika ta' Artikoli oħra tad-Direttiva 2001/18/KE***

  Il-Kummissjoni taċċetta **Emenda 26** relatata mad-***dħul fis-seħħ tar-Regolament***. Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tilqa' għalkollox din l-emenda fl-**Artikolu 3** il-ġdid tad-Direttiva li temenda.

3.3. Emendi tal-Parlament Ewropew li <u>l-Kummissjoni rrifjutat u li ddaħħlu</u> għalkollox, parzjalment jew fil-prinċipju fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari

- ***Modifika ta' Artikoli oħra tad-Direttiva 2001/18/KE***

  Il-Kummissjoni ma taċċettax **Emenda 12** li tbiddel l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2001/18/KE dwar ***iċ-ċirkolazzjoni libera***, għax b'din il-proposta l-Istati Membri se jkunu jistgħu jillimitaw b'mod esklussiv il-kultivazzjoni tal-OĠM fit-territorju tagħhom iżda mhux il-kummerċ jew l-importazzjoni ta' żrieragħ, ikel u għalf li jkunu modifikati ġenetikament jew konvenzjonali. Madankollu, il-Kummissjoni tagħraf is-siwi li jingħad ċar u tond li l-proposta ma taffettwax il-funzjonament tas-suq intern. Għalhekk il-Kummissjoni taċċetta t-test mibdul tal-**Premessi (13) u (18)** u tal-**Artikoli 26b(9) u 26c(6)** il-ġodda tad-Direttiva emendata dwar iċ-ċirkolazzjoni libera u l-importazzjoni ta' OĠM awtorizzati f'kull Stat Membru u l-użu tagħhom fl-Istati Membri li la jillimitaw u lanqas jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OĠM; u tal-**Premessa (20)** l-ġdida fir-rigward tal-moviment liberu ta' żrieragħ konvenzjonali, materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-prodott tal-ħsad.

3.4. Emendi tal-Parlament Ewropew li <u>l-Kummissjoni aċċettat għalkollox, parzjalment jew fil-prinċipju iżda li ma ddaħħlux</u> fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari

- ***Premessi***

  Qed tintlaqa' **Emenda 4** li tirreferi għall-importanza li ***jinġabru r-riżultati tar-riċerka***.

  Il-Kummissjoni taċċetta d-dispożizzjonijiet ta' **Emenda 44** li jirreferu għall-istabbiliment ta' ***netwerk wiesa' ta' organizzazzjonijiet xjentifiċi***, u għar-***riċerka indipendenti*** dwar ir-riskji potenzjali li jġib ir-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid fis-suq tal-OĠM.

- ***Modifiki tal-Artikolu 26b il-ġdid propost tad-Direttiva emendata***

  Tista' tintlaqa' **Emenda 40** li tiċċara l-***ħtieġa ta' eżami każ b'każ*** qabel jiġu adottati miżuri nazzjonali.

  Tista' tintlaqa' wkoll **Emenda 42** li titlob li ssir ***analiżi preċedenti indipendenti tal-ispejjeż u l-benefiċċji*** tal-miżuri nazzjonali li tkun tqis l-alternattivi.

  Tista' tintlaqa' wkoll **Emenda 19** li teżiġi li l-miżuri nazzjonali jkunu soġġetti għal ***konsultazzjoni pubblika preċedenti*** li għallinqas ittul 30 ġurnata.

  Madankollu, il-Kummissjoni jidhrilha li r-rilevanza tat-tliet emendi msemmija hawn fuq għandha tiġi eżaminata mill-ġdid minħabba l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill li qed jipproponi li r-Regolament isir Direttiva, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu l-forom u l-metodi.

- ***Modifika ta' Artikoli oħra tad-Direttiva 2001/18/KE***

  Il-Kummissjoni taċċetta fil-prinċipju l-modifika tal-Artikolu 26a tad-Direttiva (**Emendi 6 u 14**) biex l-Istati Membri jkunu obbligati jistabbilixxu ***miżuri ta' koeżistenza*** biex fit-territorju tagħhom u fil-fruntieri mal-Istati Membri ġirien tkun evitata l-preżenza bla ħsieb ta' OĠM, għalkemm il-leġiżlazzjoni attwali ma tistabbilixxi l-ebda obbligu f'dan il-qasam. Tista' tintlaqa' **Emenda 9** li tenfasizza l-importanza ta' ***miżuri effettivi li jipprevenu l-kontaminazzjoni transfruntiera***. Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tindirizza wkoll il-miżuri ta'

koeżistenza, billi fil-**Premessa (22) il-ġdida** tagħmel referenza għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2010 li tipprovdi gwida mhux obbligatorja għall-Istati Membri biex joħolqu miżuri ta' koeżistenza, inkluż mal-fruntieri. Il-Kummissjoni taċċetta din il-formulazzjoni li tirrifletti l-leġiżlazzjoni attwali u tixhed id-diversità tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni. Il-Kummissjoni tinnota li l-modifika tal-Artikolu 25 tad-Direttiva li jirreferi għall-importanza li ***l-materjal taż-żerriegħa jsir disponibbli għar-riċerka indipendenti*** ma għandhiex x'taqsam mal-għanijiet tal-proposta (**Emenda 13**). Iżda fil-prinċipju, il-Kummissjoni taċċetta din l-emenda diment li din tkun kompatibbli mal-bażi legali tal-att.

3.5. Emendi tal-Parlament Ewropew li l-Kummissjoni rrifjutat u li ma ddaħħlux fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari

- ***Il-bażi legali***

  Il-Kummissjoni jidhrilha li l-proposta għandha tissejjes fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE għax din temenda d-Direttiva 2001/18/KE li diġà hija msejsa fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE, u għax din għandha l-għan li tiżgura li s-suq intern jaħdem bla xkiel u tiggarantixxi l-ħarsien tal-ambjent, f'konformità mal-Artikolu 114(2) tat-TFUE. Anki jekk l-**Emendi 8 u 47** tal-Parlament Ewropew, li jdaħħlu l-possibbiltà li ssir projbizzjoni tal-kultivazzjoni abbażi tar-raġunijiet relatati mal-ambjent, kellhom jiġu adottati, il-fulkru tal-proposta u tad-Direttiva kif emendata xorta jibqa' l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Għalhekk **Emenda 1**, il-Kummissjoni ma taċċettahiex.

- ***Premessi***

  L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni hu li ***jkunu jistgħu jsiru limitazzjonijiet jew projbizzjonijiet nazzjonali abbażi ta' raġunijiet li mhumiex ir-riskji***; dawn tindirizzahom il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali għall-UE kollha. Fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/18/KE (f'konformità mal-Premessa 8 tagħha) għandu jitqies il-prinċipju ta' prekawzjoni, iżda dan mhux rilevanti għar-Regolament propost. Għalhekk **Emenda 46**, il-Kummissjoni ma taċċettahiex.

- ***Modifiki tal-Artikolu 26b il-ġdid propost tad-Direttiva emendata***

  Emenda 51 tirreferi għall-***possibbiltà li xi reġjuni fl-Istati Membri jadottaw limitazzjonijiet jew projbizzjonijiet*** fit-territorju tagħhom. Dan l-aspett għandu x'jaqsam mat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-gvernijiet ċentrali u l-entitajiet reġjonali/lokali fl-Istati Membri, u għalhekk hi kwistjoni li tappartjeni għal-liġi kostituzzjonali tagħhom u li fiha l-liġi tal-UE ma tistax tinterferixxi. Għalhekk, il-Kummissjoni ma taċċettax din l-emenda.

  Emenda 22 ***li tillimita t-tul tal-miżuri tal-Istati Membri għal ħames snin*** – billi awtorizzazzjoni mogħtija lil OĠM partikolari bil-liġi tal-UE ttul 10 snin - mhix konsistenti mal-għanijiet tal-proposta – li l-Istati Membri jkollhom l-aktar marġni wiesgħa ta' soluzzjonijiet legalment sodi li jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OĠM - u anki mal-fatt li dawn il-miżuri huma ġġustifikati b'raġunijiet ta' interess pubbliku, li jaf ma jinbidlux fil-ħames snin li ġejjin. Għalhekk, il-Kummissjoni ma taċċettax din l-emenda.

  Emenda 23 ***tħassar il-kelma "raġunata" meta tirreferi għall-miżuri li jadottaw l-Istati Membri.*** Il-Kummissjoni ma taċċettax dan it-tħassir għax il-

limitazzjonijiet jew il-projbizzjonijiet jeħtiġilhom ikunu raġunati sew u ġġustifikati skont il-kundizzjonijiet nazzjonali.

- ***Żieda ta' Artikolu ġdid fid-Direttiva 2001/18/KE***

  Emenda 24 li ddaħħal Artikolu ġdid fid-Direttiva 2001/18/KE li għandu x'jaqsam mar-***rekwiżiti tar-responsabbiltà*** mhix marbuta direttament mal-għan tal-proposta. Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li l-OĠM tkoprihom id-Direttiva 2004/35/KE dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali.[6]. Din id-Direttiva tqis sew il-prinċipju "min iniġġes iħallas" kif jindika t-Trattat u f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli. Skont il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE, kwistjonijiet ta' responsabbilità u kumpens minħabba sitwazzjonijiet li jkopri l-Artikolu 26a tad-Direttiva 2001/18/KE (jiġifieri t-telf ekonomiku tal-bdiewa/operaturi minħabba l-preżenza bla ħsieb tal-OĠM awtorizzati fi prodotti oħra) jitħallew f'idejn l-Istati Membri, kif tirrikonoxxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2010 dwar linji gwida għall-iżvilupp ta' miżuri nazzjonali ta' koeżistenza biex tiġi evitata l-preżenza bla ħsieb tal-OĠM. Fil-fatt, għalkemm jeżistu eżempji ta' leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà finanzjarja u l-kumpens finanzjarju f'ċertu oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati, normalment il-liġi tal-UE ma tindirizzax dawn il-kwistjonijiet, fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u minħabba differenzi kbar fil-liġijiet ċivili u penali fost l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri biex jistabbilixxu regoli li jwaqqfu sistemi ta' kumpens għat-telf ekonomiku minħabba l-preżenza aċċidentali ta' OĠM awtorizzati. Madankollu, l-emenda jeħtieġ tiġi ċċarata għax bħalissa tħallat kwistjonijiet relatati mar-responsabbiltà u mal-kumpens u allura mhix aċċettabbli kif inhi.

3.6. Dispożizzjonijiet ġodda li daħħal il-Kunsill

- ***Direttiva minflok Regolament***

  Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tbiddel ir-Regolament propost f'Direttiva, bl-applikazzjoni tal-prinċipju legali tal-paralleliżmu formali. Il-Kummissjoni tinnota li l-proposta hi att atipiku li ma jimponi l-ebda obbligu dirett lil partijiet terzi (bħalma jagħmel normalment Regolament) u ma tistabbilixxi l-ebda mira li l-Istati Membri jridu jilħqu (bħalma tagħmel normalment Direttiva). Minflok, proposta tipprovdi biss fakultà lill-Istati Membri biex jaġixxu jekk ikunu jixtiequ. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni jidhrilha li hu aċċettabbli li jiġi applikat il-prinċipju tal-paralleliżmu formali, jiġifieri li d-Direttiva 2001/18/KE tinbidel b'Direttiva.

- ***Restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-applikazzjoni (l-ewwel pass)***

  Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tistabbilixxi proċedura b'żewġ passi konsekuttivi biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' OĠM:

  Qabelxejn, fl-**Artikoli 26b(1) u 26b(2)** il-ġodda tad-Direttiva emendata, il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tipprevedi li l-Istati Membri li jixtiequ jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' OĠM fit-territorju tagħhom jew f'parti

[6] Ara l-punt 11 tal-Anness III tad-Direttiva 2004/35/KE.

minnu, iridu jitolbu lill-applikant, permezz tal-Kummissjoni, biex jeskludi t-territorju tagħhom mill-kamp ta' applikazzjoni fejn tidħol il-kultivazzjoni (dan jissejjaħ "l-ewwel pass"). Imbagħad, fl-**Artikolu 26b(3)** il-ġdid tad-Direttiva emendata, il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tipprevedi li jekk l-applikant jirrifjuta l-ewwel pass b'mod espliċitu, l-Istati Membri għandhom jitħallew jadottaw miżuri li jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' OĠM partikolari wara li jkun ġie awtorizzat ("it-tieni pass" jew "miżuri ta' non-parteċipazzjoni") abbażi ta' għadd ta' raġunijiet distinti mill-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, f'konformità mal-proposta oriġinali.

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill li tistabbilixxi proċedura b'żewġ passi konsekuttivi (waqt id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni mill-applikant u wara li jkun ġie awtorizzat l-OĠM) biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' OĠM, għax din twessa' l-firxa ta' għodod li jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' OĠM u żżomm id-dritt li l-Istati Membri jiddeċiedu dwar il-kultivazzjoni tal-OĠM skont ir-raġunijiet ta' interess pubbliku b'mod indipendenti mill-pożizzjoni tal-applikant/detentur tal-awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, l-iskadenza għall-ewwel pass, jiġifieri biex tintalab limitazzjoni ġeografika tal-kamp ta' applikazzjoni (mhux aktar tard minn 30 ġurnata minn meta tingħata l-opinjoni xjentifika tal-EFSA) tagħti biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex jiddeċiedu dwar jekk iridux jagħżlu din il-possibbiltà, peress li dawn jistgħu jressqu talba f'kull mument waqt li tkun qed issir il-valutazzjoni tar-riskju mill-EFSA, proċess li jaf jieħu bosta xhur/snin.

- ***Miżuri ta' non-parteċipazzjoni – proċeduri li jridu jsiru qabel l-adozzjoni***

  Fl-**Artikolu 26b(4)** il-ġdid tad-Direttiva emendata, il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tipprevedi li l-Istati Membri li jkun beħsiebhom jadottaw it-tieni pass, jiġifieri miżuri ta' non-parteċipazzjoni wara l-awtorizzazzjoni, qabel jeħtiġilhom jgħaddu abbozz ta' dawn il-miżuri lill-Kummissjoni, li min-naħa tagħha jkollha 75 ġurnata biex tikkummenta jekk tħoss il-ħtieġa. Matul dak il-perjodu, l-Istati Membri ma għandhomx jadottaw jew jimplimentaw dawn il-miżuri. Malli jgħaddu l-75 ġurnata, l-Istat Membru kkonċernat jista' jadotta l-miżuri kif ġie propost oriġinarjament jew b'mod emendat biex jirrispetta l-kummenti tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni taċċetta din l-emenda fil-pożizzjoni komuni tal-Kunsill li taqbel mal-approċċ propost tal-Kummissjoni.

- ***Skadenza ta' sentejn biex jiġu adottati l-miżuri ta' non-parteċipazzjoni***

  Fil-**Premessa (14) emendata u fl-Artikolu 26b(4) il-ġdid** tad-Direttiva emendata, il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' non-parteċipazzjoni sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-data li fiha jkun ingħata l-kunsens/l-awtorizzazzjoni tal-OĠM. Il-Kummissjoni taċċetta din id-dispożizzjoni li għandha l-għan li tipprovdi aktar viżibbiltà/prevedibbiltà lill-operaturi (inklużi l-bdiewa) dwar il-miżuri ta' non-parteċipazzjoni li jridu jadottaw l-Istati Membri.

- ***Miżuri ta' tranżizzjoni***

  Fil-**Premessa (21) u l-Artikolu 26c il-ġdid** tad-Direttiva emendata, il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tipprovdi għal miżura ta' tranżizzjoni ta' sitt xhur biex l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal OĠM li diġà jkunu awtorizzati qabel tidħol fis-seħħ (qamħirrum

MON 810), jew għal OĠM li l-applikazzjoni għalihom tkun diġà fi stadju avvanzat f'dak il-mument. Il-Kummissjoni taċċetta din id-dispożizzjoni għax hi meħtieġa fil-kuntest tar-rabta bejn l-ewwel u t-tieni pass: 1) it-tieni pass ma jistax isir jekk ma jkunx sar l-ewwel pass, u 2) l-ewwel pass jista' jsir biss meta l-applikazzjoni tkun pendenti għal perjodu ta' żmien limitat.

Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tipprevedi wkoll li l-miżuri ta' tranżizzjoni jkunu mingħajr preġudizzju għall-kultivazzjoni ta' żrieragħ u materjali ta' propagazzjoni li jkunu OĠM awtorizzati u li jkunu tħawlu legalment qabel il-limitazzjoni jew il-projbizzjoni tal-kultivazzjoni ta' OĠM. Il-Kummissjoni tappoġġa din id-dispożizzjoni, li tipprovdi sigurtà legali lill-bdiewa li jkunu diġà ħawlu u ħasdu l-OĠM ikkonċernati qabel jibdew japplikaw il-miżuri li jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni.

- ***Il-possibbiltà li Stat Membru jibdel il-pożizzjoni tiegħu dwar il-kultivazzjoni tal-OĠM waqt it-terminu tal-validità tal-awtorizzazzjoni***

  Fl-**Artikoli 26b(5) u 26b(7)** il-ġodda tad-Direttiva emendata, il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tipprovdi li wara l-awtorizzazzjoni ta' OĠM u mhux qabel sentejn minn din id-data, Stat Membru jista' (jerġa') jibda proċedura tal-ewwel u t-tieni pass biex jimplimenta jew iwessa' xi projbizzjoni tal-kultivazzjoni fit-territorju kollu tiegħu jew f'parti minnu, diment li dan ikun ġustifikat b'ċirkostanzi oġġettivi ġodda. Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tipprovdi wkoll li din il-possibbiltà tal-Istati Membri għandha tkun "*mingħajr preġudizzju għall-kultivazzjoni ta' żrieragħ u materjali ta' propagazzjoni li jkunu OĠM awtorizzati u li jkunu tħawlu legalment qabel ma jkun ġie adottat l-aġġustament*".

  Fl-**Artikoli 26b(6) u 26b(7)** il-ġodda tad-Direttiva emendata, il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tipprovdi wkoll li l-Istati Membri li jixtiequ li t-territorju tagħhom jew parti minnu jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku ta' awtorizzazzjoni tal-OĠM, jistgħu jagħmlu dan bi proċedura simplifikata.

  Il-Kummissjoni taċċetta dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda għax jgħinu biex titwessa' l-firxa ta' possibbiltajiet offruti lill-Istati Membri biex jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' OĠM, filwaqt li jżommu d-drittijiet lill-bdiewa li qabel il-projbizzjoni jkunu ħawlu legalment OĠM.

- ***Obbligu ta' rappurtar***

  Fl-**Artikolu 2** il-ġdid tad-Direttiva emendata, il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tipprevedi li "mhux aktar tard minn erba' snin mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu li jkunu għamlu l-Istati Membri minn din id-Direttiva inkluż l-effettività tad-dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' OĠM fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu u l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Ma' dak ir-rapport jistgħu jingħaqdu xi proposti leġiżlattivi li l-Kummissjoni tqis xierqa. Il-Kummissjoni għandha wkoll tirrapporta dwar il-progress għall-għoti ta' status normattiv lill-Gwida msaħħa tal-EFSA tal-2010 dwar il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali ta' pjanti modifikati ġenetikament". Il-Kummissjoni taċċetta din l-emenda fil-pożizzjoni komuni tal-Kunsill.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tqis li l-pożizzjoni komuni li adotta l-Kunsill fit-23 ta' Lulju 2014 b'maġġoranza kwalifikata tirrifletti l-għanijiet oriġinali tal-proposta tal-Kummissjoni u tqis it-tħassib ġmielu tal-Parlament Ewropew.

Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija, il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill.